MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 117/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Charles sive Charlot Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles sive Charlot Cutajar talli:

1. Nhar il-20 ta' Jannar 2003 f'xi hin matul il-gurnata go Marsaskala ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn go fond 'Sanomar' fi Triq il-Qaliet, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, mezz u bil-valur li jeccedi l-elf liri Maltin (Lm1000) ghad-detriment ta' Mario Ellul;

2. Nhar l-20 ta' Jannar 2003, f'xi hin matul il-gurnata go Marsaskala, ikkommetta serq ta' diversi oggetti tad-deheb

minn go fond ‘Tabor’ fi Triq il-Qaliet, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, mezz u bil-valur li jeccedi l-mitt liri Maltin (Lm100) izda mhux l-elf liri Maltin (Lm1000) ghad-detriment ta’ Maria Grazia Farrugia;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-ghaxar liri Maltin (Lm10) izda mhux il-hamsin liri maltin (Lm50) ghad-detriment tal-istess Maria Grazia Farrugia u Mario Ellul;
4. Nhar l-20 ta’ Jannar 2003 u fix-xhur ta’ qabel din id-data xjentement b’kull mod li jkun, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg u cioe` l-oggetti hawn fuq imsemmija u kif ukoll vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru tar-registrazzjoni EAI 273, misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

5. Nhar il-15 ta’ Novembru 2002, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il- Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taghrif falz, billi wahhal sett ta’ number plates foloz (BBB 257) u license disk falza (ta’ vettura Cortina bin-numru KAP 125) fuq vettura tal-ghamla Honda Civic (numru ta’ registrazzjoni EAI 273;

6. Nhar il-15 ta’ Novembru 2002, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il- Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta’ number plates foloz (BBB 257), licence disc falza falza (ta’ vettura Cortina bin-numru KAP 125) fuq vettura tal-ghamla Honda Civic (numru ta’ registrazzjoni EAI 273);

7. Fl-istess zmien u cirkostanzi, f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, saq vettura Honda Civic bin-numru [EAI 273] meta din il-vettura ma’ kinitx koperta b’licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma’ kinitx koperta b’polza tal-assikurazzjoni;

8. Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

9. Fl-20 ta' Jannar 2003 f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pusses ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonjiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Charles sive Charlot Cutajar hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn u nofs b'dan li l-perijodu li l-appellant (allura imputat) ghamel taht arrest preventiv ma kellux jitnaqqas mill-piena nflitta;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Charles sive Charlot Cutajar ipprezentat fis-27 ta' Mejju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tar-raba’, tas-sitt, tas-seba’ u tat-tmien imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tal-hames u tad-disa’ imputazzjonijiet, u in kwantu ordnat li l-perijodu li l-appellant ghamel taht arrest preventiv ma jitnaqqaslux mill-piena, u b’dan li tigi

mnaqqsa l-piena nflitta fid-dawl ta’ din il-varjazzjoni tas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant ressaq diversi aggravji li sejrin jigu kkunsidrati *seriatim*.

L-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija ta' l-appellant dwar l-ewwel imputazzjoni, dik ta' serq aggravat mill-fond "Sanomar" fi Triq il-Qaliet, Marsascala. Huwa jghid li sa mill-bidu nett ta' l-investigazzjonijiet, bhalma anke nnutat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, huwa ammetta l-involviment tieghu fil-bejgh ta' l-oggetti misruqa minn dan il-fond. Din l-ammissjoni tieghu giet assodata b'ammissjoni formali fil-Qorti fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2004. Fir-rikors ta' appell tieghu jghid:

"Illi s-sentenza hawn appellata ghamlet osservazzjonijiet gusti u opportuni dwar kif prova ta' htija ma tistax tistrieh biss fuq it-testimonjanza ta' persuna jew persuni li jkunu involuti fit-twettiq ta' l-istess reat. L-esponent jaghmel referenza ghas-sentenzi citati mill-istess Ewwel Qorti, u cioe` **Pulizija vs John Said et** (Appell Kriminali 02/12/1998) u **Pulizija vs Emanuel Hili et** (Appell Kriminali 20/02/1986), u minghajr ma ghandu ghalfejn jelabora wisq jissottometti li ghal dak li jirrigwarda serq mill-fond 'Sanomar' ma ngiebet ebda prova ohra, la ta' xhieda u anqas cirkostanzjali, li kkonfortat ix-xiehda ta' Mark Caruana u Vanessa Mifsud f'dak li huwa in-*'nexus criminis'* bejn ir-reat ta' serq u l-appellant. L-ewwel Qorti qieset bhala fatti li jikkorroboraw ix-xhieda Mark Caruana u Vanessa Mifsud (li nstabu hatja tas-serq *de quo*): (i) li Joseph Cassar tal-hanut tad-deheb ddikjara li xtara d-deheb misruq minghand ix-xhud Mark Caruana; (ii) li l-ammissjoni ta' l-istess xhud Mark Caruana li meta dahal jisraq kisser hgiega ta' tieqa fil-bitha giet konfermata mid-derubat u mill-espert tekniku. Bir-rispett kollu dawn iz-

zewg fatturi bl-ebda mod ma jikkorroboraw in-*nexus criminis* bejn is-serqa u l-appellant Charlot Cutajar; se mai jikkorroboraw l-involviment ta' Mark Caruana fis-serqa u fil-bejgh ta' l-oggetti. Hawnhekk m'ghandniex bzonn insibu korroborazzjoni ghall-htija tax-xhud Mark Caruana, li accetta li kien hu stess li kisser it-tieqa u li gie ssentenzjat fuq dan, izda kien jehtieg korroborazzjoni ta' l-allegazzjoni li l-appellant Charlot Cutajar kien involut fis-serqa. Korroborazzjoni idonea kienet tkun, per ezempju, li kieku gew identifikati marki tas-swaba' ta' l-appellant fil-fond derubat. Minn dan m'hemm xejn.

Illi finalment jigi rilevat li l-ewwel akkuza tirrigwarda s-serq mis-'Sanomar' u mhux ir-ricettazzjoni. Hawnhekk ma jistax jigi applikat il-principju tar-'recent possession' stante li l-oggetti misruqa qatt ma rrizulta li kienu fil-pussess ta' l-appellant. L-appellant ammetta li ghen lil Mark Caruana u lil Vanessa Mifsud ibieghu l-oggetti misruqa, u dan gie korroborat bix-xiehda ta' terzi, izda dan jammonta ghal <u>ricettazzjoni</u> u mhux ghal <u>serq</u>. Ghaldaqstant l-appellant ghandu jigi lliberat mill-ewwel akkuza."

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-process kollu u tghid mill-ewwel li l-appellant ma jmissu qatt instab hati ta' din l-ewwel imputazzjoni.

L-allegat involviment ta' l-appellant fis-serq mid-dar bl-isem ta' "Sanomar" hi bazata fuq ix-xiehda ta' Vanessa Mifsud (a fol. 171 - 172) u ta' Mark Caruana (a fol. 251 - 253). It-tnejn xehdu li gol-fond "Sanomar" kienu dahlu kemm l-appellant kif ukoll Mark Caruana mill-bitha ta' wara fejn kienu accedew minn gol-bitha tar-residenza ta' Vanessa Mifsud u minn hemm serqu diversi oggetti li tghabbew fil-karrozza ta' Mark Caruana.

Ix-xiehda ta' Vanessa Mifsud u dik ta' Mark Caruana ghandha titqies bhala xiehda ta' komplici u bhala tali huwa applikabbli s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 639 tal-Kap. 9 li jiddisponi hekk:

**"Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat b'xi procediment ghal xi reat li ma jkunx wiehed minn**

**dawk imsemmija fl-artikoli 112 sa 118, 120, 121, 124 sa 126 u 138, ikun il-komplici, u x-xiehda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xiehda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati".**

Bhalma ntqal fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Farrugia** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Dicembru 1998 u citat anke mill-ewwel Qorti:

*"Il-ligi trid li sabiex xiehda ta' komplici jkollha valur probatorju, din, per necessita`, trid tkun korroborata sufficjentement minn provi indipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux biss ghall-veracita` tal-verzjoni ta' dik ix-xiehda fl-aspetti sostanzjali taghha, izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni tigi stabbilita 'nexus criminis' bejn din il-verzjoni u l-akkuzat. Trid tkun korroborazzjoni li twassal, bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita` kriminuza allegata [mill-komplici] verament giet imwettqa mill-akkuzat".*

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li x-xiehda ta' Vanessa Mifsud u ta' Mark Caruana giet korroborata minn numru ta' indizji. Tghid li x-xiehda ta' Mark Caruana dwar il-bejgh tar-refurtiva hija korroborata mix-xiehda ta' Joseph Cassar (a fol. 195 - 196) li jghid li xtara d-deheb minghand Mark Caruana. Tghid ukoll li l-*modus operandi* tas-serq mill-fond 'Sanomar' huwa korroborat minn dak li qal l-espert tekniku dwar id-dhul fl-istess fond (a fol. 96 - 112) kif ukoll mix-xiehda tad-derubat Mario Ellul (a fol. 113 - 118 u 142 - 143) li qal li sab tieqa tal-kcina tieghu li taghti ghall-bitha, miksura. Huwa veru li dawn ic-cirkostanzi jikkorroboraw ix-xiehda ta' Mark Caruana u ta' Vanessa Mifsud izda jikkorroborawha biss in kwantu tirrigwarda l-partecipazzjoni taghhom. Dawn ic-cirkostanzi xorta ma jorbtux lill-appellant mal-partecipazzjoni tieghu fir-reat in kwistjoni. Sahansitra jista' jinghad li Joseph Cassar, li jiggestixxi hanut tad-deheb f'Rahal Gdid, xehed li meta Mark Caruana mar ibieghlu d-deheb, kien akkompanjat minn tfajla li qabel kienet dahlet issaqsi lix-xhud jekk kienx jixtri deheb u bl-ebda mod ma jsemmi lill-appellant. Fil-fatt

l-appellant stess fl-istqarrija tieghu tal-21 ta' Frar 2002 (a fol. 62 - 64), filwaqt li jichad li dahal jisraq minn gol-fond "Sanomar" izda jammetti li ndahal biex ibigh l-oggetti li kienu nsterqu minn hemm, jghid li l-oggetti tad-deheb li kellhom Mifsud u Caruana fil-fatt nbieghu mill-istess Mifsud u Caruana li dahlu f'hanut f'Rahal Gdid fejn gabru ghalihom Lm105 (mir-ritratt numru 2 fid-Dok. CSH a fol. 194 u li Joseph Cassar ikkonferma li juri n-note book fejn nizzel id-dettalji ta' meta xtara d-deheb minghand Mark Caruana, fil-fatt hemm indikata s-somma ta' "Lm105"). Jigifieri fir-rigward ta' l-oggetti tad-deheb, dak li qal l-appellant fl-istqarrija tieghu gie kkonfermat mix-xiehda ta' Joseph Cassar. Il-fatt li l-appellant kien jaf dwar il-bejgh ta' l-oggetti tad-deheb u r-rikavat taghhom ma jrendiehx necessarjament hati tas-serq taghhom.

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi li tressqu f'dan il-kaz frankament ma setghet issib ebda cirkostanza li tikkorrobora x-xiehda ta' Vanessa Mifsud u ta' Mark Caruana b'tali mod li jista' jwassal ghall-konvinciment morali li l-appellant kien *particeps* fir-reat ta' serq mill-fond "Sanomar".

Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh.

It-tieni aggravju jirrigwarda r-reat ta' serq mill-fond "Tabor" fi Triq il-Qaliet, Marsascala. Huwa jghid li dak kollu li qal fir-rigward ta' l-ewwel aggravju japplika wkoll ghal dan l-aggravju. Huwa jghid li Vanessa Mifsud qalet li kienet komplici fis-serqa mentri l-oggetti misruqa nbieghu mill-*boyfriend* taghha Mark Caruana. L-appellant isostni li Mark Caruana ma nstabx hati tas-serq mill-fond "Tabor" u ghalhekk kien essenzjali ghalih li kellu fil-pussess tieghu d-deheb misruq li jaghti spjegazzjoni ta' min serqu. Stante l-involviment ta' l-appellant fil-bejgh ta' xi deheb kif diga` nghad, kienet komda ghalih u ghal Vanessa Mifsud li jwahhlu f'xi hadd bhall-appellant. Ghalhekk huwa assolutament necessarju, jinsisti l-appellant, li l-allegazzjonijiet ta' dawn iz-zewg persuni fil-konfront ta' l-appellant ghal dak li jirrigwarda s-serq mill-imsemmi fond jigu korroborati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Fir-rikors ta' appell tieghu jkompli jghid:

"Illi l-Qorti tal-prim istanza fittxet korroborazzjoni ta' dak li qalu dawn iz-zewg xhieda u sabet biss li dak li Mark Caruana biegh lil tal-hanut tad-deheb, u cioe` tliet oggetti tad-deheb, kien korroborat bil-konferma tad-derubata li mill-fond 'Tabor' insterqu tliet bicciet tad-deheb. Minghajr htiega li jigi ripetut dak li gia` ntqal, il-korroborazzjoni kellha tkun bejn is-serqa mit-'Tabor' u l-involviment ta' l-appellant Charlot Cutajar u mhux semplicement li l-oggetti misruqa fil-fatt insterqu minn dik id-dar. Ix-xiehda ta' Jesmond Baldacchino tal-hanut tad-deheb bl-ebda mod ma twassalna biex nikkonkludu li s-serqa verament ikkommettiha l-appellant, izda twassalna biss li l-oggetti mibjugha lilu mix-xhud Mark Caruana kienu misruqa mill-fond 'Tabor'. Ghalhekk anke din it-tieni akkuza hi bazata biss fuq dak li xehedu dan Mark Caruana u ta' Vanessa Mifsud, li kif inghad ix-xiehda taghhom mhix sufficjenti u anqas ma hi kredibbli stante li Mark Caruana kien li biegh l-oggetti u possibilment kien involut fis-serqa. Dwar is-serqa l-appellant ma jaf xejn ghaliex, bhal ma stqarr mill-bidu nett, huwa ma kien bl-ebda mod involut.

Illi ghalhekk, peress li t-tieni akkuza hija wahda ta' serq, u mhux ta' ricettazzjoni, l-appellant ghandu jigi liberat minnha. Bla pregudizzju ghal dan, kieku l-Qorti xorta kellha ssib htija a bazi ta' ricettazzjoni, il-piena ghandha tkun mitigata stante li ma jissussistux l-aggravji."

Fl-istqarrija tieghu ga` msemmija, jirrizulta li l-appellant cahad li kien seraq mill-fond "Tabor" u li qatt dahal fl-istess fond. Qal ukoll li meta filghodu ta' l-20 ta' Jannar 2003 huwa ltaqa' ma' Vanessa Mifsud u Mark Caruana, kellu Lm80 li kien akkwista mill-bejgh ta' xi ghamara tieghu. Vanessa Mifsud xehdet li dakinhar l-appellant kien urieha gizirana tad-deheb li qallha li kien seraqha minn dar adjacenti ghall-fond fejn kienet toqghod hi. Din bieghha f'hanut tad-deheb iz-Zejtun fejn wasluh hi u l-gharus taghha. Wara marru jiehdu l-methadone mbaghad xtraw xi droga wkoll. Mark Caruana xehed li hu ma kellu x'jaqsam xejn mas-serqa mill-fond "Tabor" izda jum minnhom iltaqa' ma' l-appellant li hareg tliet bicciet deheb u qallu li kien seraqhom mill-fond "Tabor". Marru

jippruvaw ibiegħu dan id-deheb f'hanut jismu Gold Lady f'Bir id-Deheb. Hemm dahlu hu u l-appellant. Mill-flus li qalghu xtraw il-kokaina.

Skond l-ewwel Qorti, ix-xiehda ta' Vanessa Mifsud u ta' Mark Caruana hi korroborata mix-xiehda ta' Jesmond Baldacchino li jahdem fil-hanut tad-deheb Gold Lady Jewellery fiz-Zejtun li xehed li kienu marru Mark Caruana u l-appellant fil-hanut biex ibieghu xi oggetti tad-deheb, fosthom brazzuletta u gizirana, u li huwa xtara ghall-prezz ta' Lm70. Inoltre hemm ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku John Sacco mnejn jirrizulta li verament insterqu tliet bicciet tad-deheb mill-fond "Tabor".

Mill-gdid din il-Qorti jkollha tirrimarka li dawn ic-cirkostanzi ma jikkorroborawx dak li qalu Vanessa Mifsud u Mark Caruana li kien l-appellant li seraq l-imsemmijin oggetti. Biss biss mix-xiehda ta' Jesmond Baldacchino jidher car li n-negozjati mieghu saru minn Mark Caruana. Huwa xehed hekk: "Ghall-habta ta' Jannar bidu ta' Frar cirka 20 ta' Jannar konna qeghdin nippreparaw ghal Valentine's Day u hin minnhom gie Mark Caruana maghruf bhala c-Cappu u gabli tliet bicciet deheb, brazzuletta u gizirana biex insarrafhomlu ghax kien broke. Jiena dahhaltu fil-kamra fejn ghandna l-mizien u kont tajtu prezz ta' sebghin lira. Hareg barra … mill-kamra fejn ahna konna qeghdin niznu l-bicciet tad-deheb u kien hemm siehbu li huwa l-imputat odjern u sussegwentement tajtu l-flus lil Mark Caruana …. Jiena n-negozju ghamiltu ma' Mark. Qabel Mark approva l-bejgh iddiskuta l-kwistjoni mal-imputat pero` x'kienet id-diskussjoni ta' bejniethom jiena ma nafx. Ma smajtx il-konversazzjoni ta' bejniethom. Il-flus jiena lil Mark tajthom. Hargu barra u dahlu f'karrozza blue fejn kien hemm tfajla. Lill-imputat jiena ma nafux. Jiena ma tlabtx ID card lill-imputat peress li n-negozjati ghamilthom ma' Mark." Is-semplici fatt li l-appellant kien prezenti fil-hanut u "ddiskuta" xi haga ma' Mark Caruana ma jfissirx awtomatikament li kien hu li seraq dak id-deheb.

Ghalhekk anke dan l-aggravju qieghed jigi milqugh.

It-tielet aggravju jirrigwarda t-tielet imputazzjoni li permezz taghha qieghed jigi akkuzat li ghamel hsara volontarja ghad-dannu ta' Mario Ellul u Maria Grazia Farrugia, is-sidien tal-fondi "Sanomar" u "Tabor".

Stante li qeghdin jigu milqugha l-ewwel zewg aggravji, l-appellant ma jistax lanqas jinsab hati ta' dan ir-reat.

F'dan l-istadju jrid jigi osservat li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tar-raba' imputazzjoni in kwantu din tirreferi ghar-reat ta' ricettazzjoni tal-vettura Honda Civic numru EAI-273. Naturalment in vista ta' l-ammissjoni ta' l-appellant ta' ricettazzjoni dwar is-serq li sar mill-fond "Sanomar" kif ukoll tar-rizultanzi processwali dwar ir-refurtiva mid-dar "Tabor", huwa ghandu jitqies hati tar-raba' imputazzjoni kif dedotta.

Ir-raba' aggravju jirrigwarda l-hames imputazzjoni. L-appellant jghid li sabiex taghmel dikjarazzjoni, taghti stqarrija jew taghti taghrif falz hu intrinsikament necessarju li tikteb (jew tiffirma) dokument jew taghmilhom verbalment. Jekk ma taghmilx wahda minn dawn, isostni l-appellant, bl-ebda mod ma jista' jinghad li tkun "iddikjarajt", jew "stqarrejt" jew "tajt taghrif". L-uzu ta' number plates ta' karrozza ohra huwa diga` nkorporat fis-sitt imputazzjoni li giet ammessa minnu. Il-hames imputazzjoni kif dedotta, jghid l-appellant, ma tapplikax ghal dak li ghamel u ghalhekk ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni wkoll.

L-appellant hawn ukoll ghandu ragun. Il-fatt li espona *number plates* foloz u *licence disc* falza fuq karrozza ma jfissirx li huwa "ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz" fuq "dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika". Ghalhekk dan l-aggravju huwa milqugh.

Il-hames aggravju ta' l-appellant jirrigwarda d-disa' imputazzjoni.

Fl-ewwel lok jghid li l-artikoli dedotti mill-Avukat Generali ma jaghmlu l-ebda referenza ghal-ligijiet li jirrigwardaw din l-imputazzjoni u lanqas l-ewwel Qorti ma rreferiet

ghalihom fis-sentenza taghha. Konsegwentement ghandu jigi lliberat minn tali imputazzjoni.

Huwa veru li fin-nota tieghu tat-12 ta' Frar 2004 (a fol. 237) meta l-Avukat Generali baghat l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-appellant (allura imputat) quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jigi ggudikat minn dik il-Qorti, ma ghamel l-ebda referenza ghall-provvedimenti tal-Kap. 101 u tal-G.N. 292 ta' l-1939. Ciononostante, a fol. 236 tal-process, u cioe` pagna qabel, hemm l-ordni ta' l-Avukat Generali biex l-appellant jigi processat quddiem dik l-istess Qorti ghal ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 101; ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li l-ligijiet u allura l-artikoli relattivi taht dawk il-ligijiet, jigu indikati ukoll fin-nota a fol. 237. Huwa minnu wkoll li l-ewwel Qorti fl-ahhar pagna tas-sentenza taghha naqset milli ticcita r-Reg. 8 tal-G.N. 292/1939. Izda hija kienet iddikjarat lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u d-disa' imputazzjoni tinkorpora fiha referenza proprju ghall-imsemmi Reg. 8 tal-G.N. 292/1939. Konsegwentement dan l-ilment huwa michud.

In konnessjoni mad-disa' imputazzjoni l-appellant jilmenta wkoll li ghalkemm fl-istqarrija tieghu qal li mar biex jixtri d-droga, ma kien hemm l-ebda ammissjoni fil-Qorti dwar din l-imputazzjoni. Jissottometti wkoll li dan il-fatt kellu jigi korroborat b'cirkostanzi ohra, bhal per ezempju *overdose*. L-appellant zied jghid ukoll li mhux biss jista' jkun hemm dubju dwar jekk is-sustanza mixtrija minnu kinitx sustanza projbita, izda ghandu jkun hemm dubju dwar jekk dik is-sustanza kinitx kokaina, eroina jew xi haga ohra. Il-provi f'dan ir-rigward huma tant fjakki, jghid l-appellant, li ghandu jigi lliberat minn din l-imputazzjoni.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Sharon O'Neil** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Jannar 2004 u citat mill-ewwel Qorti, intqal hekk:

*"Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analizi taghha, jista' jkun hemm cirkostanzi li jitfghu dubju dwar kemm verament l-oggett li dak li jkun ikun xtara (jew zamm jew ghadda lil haddiehor) kien droga*

*projbita mil-ligi. Mill-banda l-ohra, meta si tratta ta' oggett li jigi kkunsmat, tkun haga assurda li wiehed jippretendi li f'kull kaz, biex tinstab htija, hemm bzonn li tinstab ukoll xi droga jew tracci taghha jew oggetti relatati ma' l-abbuz tad-droga. Fi kliem iehor, jekk qorti tkun sodisfatta - bhalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-kaz - li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-kaz li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l-'ecstasy', u mhux xi 'oggett' iehor, allura l-htija tista' tigi bbazata esklussivament fuq tali ammissjoni."*

Fil-kaz in dizamina, fl-istqarrija tieghu tal-21 ta' Frar 2002 (a fol. 62 - 64 tal-process), fuq mistoqsija ta' l-ufficjal investigattiv dwar x'tip ta' droga kienu xtraw, l-appellant wiegeb "kokaina". Din kienet ammissjoni cara u inekwivoka dwar it-tip ta' droga li l-appellant kien diga` stqarr li mar jixtri flimkien ma' zewg persuni ohra. Il-fatt li l-appellant ilu snin twal jabbuza mid-droga jaghmel tali ammissjoni dwar it-tip ta' droga li xtara anke aktar kredibbli. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni fil-kaz in ezami ghala ghandha b'xi mod tvarja l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. B'hekk dan l-ilment huwa michud.

Is-sitt aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena. Huwa jilmenta mill-fatt li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma ordnatx li mis-sentenza nflitta jitnaqqas il-perijodu li ghamel taht arrest preventiv. Jirreferi wkoll ghall-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 9 li taghmilha tassattiva li kull perijodu li akkuzat ikun qatta' taht arrest preventiv jitnaqqas mill-piena nflitta fuqu.

Dan l-artikolu llum jipprovdi hekk:

**"Hlief fil-kaz ta' kundanna ta' prigunerija ghall-ghomor jew ta' prigunerija jew detenzjoni f'nuqqas tal-hlas ta' multa jew ammenda, kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inzamm fil-habs ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kkundannat, li ma jkunx zmien maghmul fil-habs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bhala parti miz-**

**zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna tieghu; izda jekk l-ikkundannat qabel kien suggett ghal ordni ta' *probation*, ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni jew ghal sentenza sospiza dwar dak ir-reat jew reati, kull zmien bhal dak qabel l-ghemil ta' dak l-ordni jew l-ghoti tas-sentenza sospiza m'ghandux jitqies ghall-finijiet ta' dan l-artikolu:**

**Izda meta xi zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija kif imsemmi qabel ikun, bis-sahha ta' dan l-artikolu, gie meqjus bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna dwar dik id-dikjarazzjoni ta' htija, dak iz-zmien ma ghandux jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht xi kundanna ohra."**

Dan ifisser li llum mhuwiex mehtieg li l-Qorti tiddikjara hi jekk perijodu maghmul taht arrest preventiv ghandux jitnaqqas jew le sabiex dan jitnaqqas, izda huma l-awtoritajiet tal-habs li ghandhom jassiguraw li, purche` ma jezistux l-eskluzjonijet imsemmijin f'dan l-artikolu, jitnaqqas iz-zmien li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat. Skond l-artikolu 168 ta' l-imsemmi Att III ta' l-2002, li huwa artikolu tranzitorju, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22 qabel id-data tal-bidu fis-sehh ta' dak l-Att *"ghandhom ikomplu japplikaw ghal kull sentenza li tinghata qabel id-data relevanti dwar kull persuna jew li tinghata fid-data relevanti jew warajha dwar persuna li fid-data relevanti tkun fil-habs tistenna biex tigi processata ghar-reat jew reati li dwarhom tkun is-sentenza u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 8 … ta' dan l-Att ma jkollhom ebda effett fuq sentenza bhal dik"*. Fil-kaz odjern jidher li "fid-data relevanti" l-appellant kien fil-habs jistenna biex jigi processat ghar-reati hawn in kwistjoni u ghalhekk huwa applikabbli dak provdut fl-artikolu 22 tal-Kap. 9 qabel is-sostituzzjoni bl-imsemmi Att III tas-sena 2002.

Irid jigi osservat li meta l-ewwel Qorti infliggiet il-piena u ordnat li ma jitnaqqasx il-perijodu li ghamel l-appellant taht arrest preventiv, hija kellha f'mohha perijodu ta' prigunerija sostanzjali minhabba l-kondotta refrattarja ta' l-appellant u

l-protezzjoni li trid tinghata lis-socjeta`. Effettivament il-piena wahedha ta' sentejn u nofs prigunerija ghar-reati kollha addebitati lill-appellant hija wahda miti ferm. Irid jinghad ukoll li ghar-reat ta' ricettazzjoni, li wara kollox huwa meqjus bhala reat alternattiv ghal dak ta' serq, skond ir-raba' imputazzjoni minghajr l-addebitu ta' recidiva l-piena massima hija ta' seba' snin. In vista tal-konkluzjonijiet raggunti pero` din il-Qorti temmen li ghar-rigward tar-raba', tas-sitt, tas-seba' u tad-disa' imputazzjonijiet flimkien ma' l-addebitu tar-recidiva taht it-tmien imputazzjoni, u tenut kont tal-perijodu li l-appellant ghamel taht arrest preventiv, il-piena ta' prigunerija gusta li ghandha tkun inflitta m'ghandhiex tkun aktar minn dik ta' sentejn u nofs.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tar-raba', tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tad-disa' imputazzjonijiet kif dedotti, tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-hames imputazzjonijiet u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tirrevokaha ukoll in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u nofs u ordnat li l-perijodu ta' arrest preventiv ma kellux jitnaqqas mill-piena inflitta fuqu u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' sentejn u nofs bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata minnufih lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------